28 ta' Frar 2022

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
- 1 MAR 2022
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

**Tribunal ta' Revizjoni**
**tal-Ambjent u l-Ippjanar**
**Floriana**

| | |
|---|---|
| *Nru. ta' l-Applikazzjoni:* | *PA/1682/21* |
| *Lokazzjoni:* | *Site at Triq tal- Providenza, Siggiewi* |
| *Proposta:* | *Proposed demolition of illegally built structure and paving as well as propose sanctioning of the change of use from agricultural store to a Class 5A stone turner workshop and extension of approved room. Proposal consists also of excavation and construction of underground reservoir and basement store as well as construction of a C;ass 5A stone turner workshop.* |
| *Ref. Taghna:* | |
| *Ref. Tribunal:* | |

**Dennis Spiteri**

**vs**

**L-Awtorita' ta' l-Ippjanar**

L-Appellant Dennis Spiteri jesponi bir-rispett:-

I) Illi fis-sena 2021, giet sottomessa din l-applikazzjoni, liema applikazzjoni ggib in-numru PA 1682/21.

II) Illi permezz ta' decizjoni mehuda mill-Kummissjoni dwar l-Ippjanar (PC) u ppublikata fid- 9 ta' Frar 2022, l-istess Kummissjoni cahdet l-applikazzjoni.

Bid-dovut rispett, l-appellant jhossu aggravat minn din id-decizjoni, u ghaldaqstant qed jissottometti dan l-appell quddiem it-Tribunal ghar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (it-Tribunal).

Flimkien ma' din is-sottomissjoni qed jigu annetti:-

- Kopja tad-decizjoni ta' l-Awtorita li qed tigi appellata (Dok JA1).
- L-Ircevuta tal-hlas tad-dritt ta' l-appell (Dok JA2).

L-appellant jissottometti ghal kunsiderazzjoni tat-Tribunal dan li gej;

1.1 Fl-ewwel lok, jibda sabiex jigi kkjarifikat illi hawn si tratta ta' attivita illi trid tigi analizzata fil-kuntest taghha u anke in segwitu ta' analizi dettaljata li saret fil-kors ta' l-applikazzjoni da parti ta' l-applikant.

1.2 Illi l-izvilupp illegali fuq is-sit qieghed jigi propost li jitnehha, filwaqt illi hemm talba sabiex l-uzu jigi regolarizzat. Illi certament hawn si tratta ta' attivita pjuttost sui generis u m' hijiex attivita li se tnehhi jew tippregudikata l-attivita agrikola ta' siti adjacenti.

1.3 Illi ssir referenza ghall-permessi simili li gew approvati senjatament PA 1930/07 u PA 1741/15 u necessarjament wiehed irid janalizza dak propost fid-dawl anke ta' dawn ic-cirkostanzi.

1.4 Illi l-istess jista jinghad fuq is-sequential approach indikat fit-tieni raguni tar-rifjut. Tali approach irid jigi analizzat fil-kuntest li hawn si tratta tista tghid ta' attivita artigjanli li zgur li ma tohloqx kunflitt ma uzi fil-vicinanzi u li anzi ma johloq l-ebda impatt negattiv fuq il-madwar. Illi hawn si tratta ta' attivita illi hija ancillari ma zona bhal ma hija dik mertu tal-vertenza odjerna li tinsab ukoll fil-prossimita ta' bosta barrieri minn fejn il-materja prima ghal dan ix-xoghol tingieb.

1.5 Illi kif ser jigu ampjament ippruvat waqt dan l-appell, l-izvilupp propost huwa in linea ma dak provdut fil-policies rispettivi.

Ghaldaqstant, l-appellanti qed jitlob li l-*files* li ssir referenza ghalihom fil-process ta' l-applikazzjoni odjern jigu vverifikati mit-Tribunal u dan billi l-Awtorita' ghandha tigi mitluba sabiex tipprezenta l-*files* msemmija minnu lit-Tribunal, u in segwitu ta' dan l-istess Tribunal ghandu jhassar id-decizjoni ta'rifjut mehuda mill-PC fil-kaz odjern, u tenut kont ta' dak sottomess u li ghad jrid jigi sottomess, jiddeciedi l-applikkajoni billi, jilqa it-talba ta' l-appellant u jordna li jinhareg il-permess relattiv, u dana taht, u minnghajr pregudizzju ghal kull decizjoni jew provvediment iehor li joghgbu jiehu dan it-Tribunal.

Bir-Rispett,

Xhieda:

1. L-Appellanti u konsultenti taghha sabiex jixdhu dwar il-provi u l-fatti tal-kaz;
2. L-Awtorita u terzi u konsulenti sabiex jixdhu fuq il-fatti tal-kaz.

**Av. Ian J. Stafrace**
**9/4 Britannia House**
**Old Bakery Street**
**Valletta**